MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1170/1997/1

**Rita Gerada**

**vs**

**Charles Gerada**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Mejju 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Mejju 1991 fil-Knisja Parrokkjali tal-Birgu.

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, Ilyan, li llum ghandu sitt (6) xhur.

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli, u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, konsistenti fi swat, eccessi, sevizzi, ingurji gravi, mohqrija, theddid, abbandun u adulterju fil-konfront ta' martu l-esponenti.

Illi l-esponenti ma tahdimx u m'ghandhiex mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lil binha l-minuri Ilyan.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn zewgha l-konvenut, permezz ta' digriet numru 90/97 datat 1 ta' Jannar 1997, liema digriet gie renovat permezz ta' digriet iehor datat 14 ta' April 1997 li jgib in-numru 452/97.

Illi d-dar konjugali giet fdata provizorjament f'idejn l-attrici permezz tad-digriet tas-Sekond' Awla li jgib in-numru 90/97.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut *stante* swat, eccessi, sevizzi, ingurji gravi, mohqrija, theddid, abbandun u adulterju fil-konfront ta' martu l-esponenti.

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Takkorda lill-attrici manteniment xieraq skond il-ligi;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsam l-istess komunjoni bejn il-partijiet mhux necessarjament fi kwoti ugwali;

5. Tassenja d-dar konjugali esklussivament lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 11 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Frar 1999 fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenut il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju; tat-28 ta' Mejju 1999; tad-29 t'Ottubru 1999; tal-5 t'April 2000; tat-30 ta' Mejju 2000; tal-11 t'Ottubru 2000; tat-22 ta' Novembru 2000; tal-20 ta' Frar 2001; tad-19 ta' Settembru 2001 fejn gie dikjarat li hemm possibbilta' ta' separazzjoni konsenswali; tat-13 ta' Novembru 2001; tal-21 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta;

Rat il-verbali ta' din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta inkluzi dawk tal-20 ta' Gunju 2002; ta' l-4 ta' Dicembru 2002 fejn inghata digriet affidavit ta' l-attrici b'terminu ta' sittin (60) gurnata. Il-Qorti ssostitwiet lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi b'Dr. Kenneth Gulia biex jikkonkludi s-smiegh tal-provi fil-kawza; tad-29 t'April 2003; tas-26 ta' Gunju 2003 fejn Dr. Noel Camilleri pprezenta l-affidavits attrici. Il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata ta' l-affidavits kollha attrici b'erbghin jum iehor, filwaqt li ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex izomm zewg seduti ghall-konkluzjoni provi attrici. Gie dikjarat li l-konvenut jabita f'*Shamrock Court, Flat 3, Triq il-Hgejjeg, Bugibba*; ta' l-20 ta' Novembru 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) gurnata jibdew mit-12 ta' Dicembru 2003, wara liema seduti l-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi kollha; tal-21 t'April 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba attrici ghal nomina ta' Perit Tekniku u nnominat lill-Perit Mario Cassar biex jistma d-dar konjugali *'Maple Leaf', Triq l-Ghollieq, Fgura* a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet. L-istess attrici obbligat ruhha li tipprezenta lista tal-mobbli fi zmien tletin (30) gurnata, filwaqt li ddikjarat li mhux qed tinsisti fuq

manteniment. Il-Qorti ordnat lid-difensuri tal-partijiet sabiex b'nota konguntiva fi zmien tletin (30) gurnata jindikaw kif ser jaqsmu l-mobbli.

Rat in-nota tal-Perit Tekniku Mario Cassar datata 31 ta' Mejju 2004 fejn informa lill-Qorti li gie mitlub sabiex jissospendi l-valutazzjoni tal-proprjeta' *stante* li l-partijiet ghandhom jilhqu ftehim dwar il-valur ta' l-istess.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Mejju 2004.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata 4 ta' Gunju 2004 fejn biha nfurmaw lill-Qorti li jaqblu li l-valur tad-dar *'Maple Leaf', Triq l-Ghollieq, Fgura* huwa ta' hamsa u tletin elf liri Maltin (Lm35,000).

Rat il-verbal tat-22 ta' Gunju 2004 fejn il-Qorti ordnat li tigi notifikata n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut lill-attrici, li jkollha ghoxrin (20) gurnata ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Novembru 2004; tas-17 ta' Novembru fejn il-kawza giet differita ghat-18 ta' Novembru 2004 ghall-istess skop.

Rat li l-konvenut minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici baqa' ma pprezenta ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenti Gudizzjarji, inkluz x-xhieda kollha quddiemhom prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fl-24 ta' Mejju 1991, izda fejn l-attrici bdiet dawn il-proceduri ta' separazzjoni b'citazzjoni fit-22 ta' Mejju 1997.

Illi fil-fatt jirrizulta li fil-mori ta' din il-kawza, li fiha l-konvenut baqa' kontumaci, saru diversi tentattivi sabiex il-partijiet jittransigu fis-sens li jilhqu separazzjoni bonarja, izda ghal xi raguni dan ma sehhx, u kien ghalhekk li l-kawza damet iktar minn seba` (7) snin.

Illi bizzejjed jinghad li l-attrici bdiet il-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Jannar 1997 (a fol. 8), u b'digriet li kopja tieghu tinsab a fol. 9 tal-process (bla data) Numru 31/97, moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri, l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni u l-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici l-ammont ta' sebghin lira Maltija (Lm70) bhala manteniment *pendente lite* b'effett mill-1 ta' Jannar 1997. B'digriet sussegwenti datat 14 ta' April 1997, it-terminu sabiex l-attrici tipprocedi bil-kawza ta' separazzjoni gie estiz ghall-xahrejn (fol. 11 – Digriet Numru 452/97 datat 14 ta' April 1997).

Illi minkejja li l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni attrici u anke deher f'din il-kawza, tant li pprezenta nota ta' sottomissjonijiet *tramite* d-difensur tieghu wkoll, sal-25 ta' Gunju 2003 ma giet prodotta l-ebda xhieda ta' xejn, tant li l-ewwel xhieda li hemm kienet biss dik prezentata permezz ta' affidavit ta' l-attrici datat 26 ta' Gunju 2003 li jinsab a fol. 34 sa fol. 36 tal-process. Zewg Assistenti li gew nominati mill-Qorti sabiex izommu s-seduti, fil-fatt ma semghu l-ebda xhieda tul dan iz-zmien kollu kif jidher mill-verbali tas-seduti fl-atti processwali.

Illi ghalhekk dawn huma l-unici provi prodotti u din il-Qorti m'ghandha l-ebda xelta ohra hlief li tiddeciedi l-kawza fuq il-provi li hemm fil-proccess u fuq indikati, inkluz pero' s-sentenza citata mill-konvenut fin-nota ta' osservazjonijiet tieghu fl-ismijiet **"Charles Gerada vs Rita mart Charles Gerada et"** moghtija minn din il-Qorti fi-31 ta' Ottubru 2002 (Citaz. Numru 163/97/RCP).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kawza ta' din is-separazzjoni hija imputabbli liz-zewg partijiet, u dan peress li fl-ewwel lok jirrizulta mill-provi prodotti mill-attrici

li l-konvenut haqar lill-attrici u dan billi jidher li l-istess konvenut injoraha diversi drabi meta kien ghadu jghix maghha, tant li kien johrog wahdu, jsiefer wahdu, u wkoll kien iwarrab lill-attrici ghal xejn b'xejn, u dan jitfa' dubju serju dwar l-agir tal-konvenut u l-intenzjonijiet tieghu vera f'dan iz-zwieg. Dan ikkawza dipressjoni serja fl-attrici li wkoll soffriet dipressjoni serja minhabba dan il-maltrattament minn naha ta' zewgha; kien dan li wassal ghall-kollass ta' dan iz-zwieg. Illi s-sitwazzjoni kompliet tiggrava u l-partijiet isseparaw *de facto* fis-sena fl-ahhar ta' Settembru jew Ottubru 1995 u wara jidher li l-attrici kellha relazzjoni ma' ragel iehor tant li b'sentenza fuq citata fl-ismijiet **"Charles Gerada vs Rita mart Charles Gerada et"** moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2002 (Citaz. Numru 163/97/RCP), jirrizulta li hija kellha tarbija bl-isem Ilyan fis-27 ta' Lulju 1996, li tieghu l-konvenut m'huwiex il-missier.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fl-ewwel lok, il-konvenut kien responsabbli ghal din il-firda personali *stante* li kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi u mohqrija, u kien ghalhekk li l-istess zwieg tkisser irremedjabbilment, filwaqt li l-istess attrici kienet ukoll responsabbli ta' adulterju, kif fuq stabbilit.

Illi *in vista* li l-attrici hija hatja ta' adulterju, it-tielet talba ta' manteniment m'ghandhiex tigi milqugha u dan bla pregudizzju ghal dak precritat permezz tad-Digriet tas-Sekond'Awla fuq citat ghall-manteniment *pendente lite*.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti, jirrizulta li mill-ftit provi li gew migbura, li tikkonsisti fil-fond matrimonjali "Maple Leaf", Triq l-Ghollieq, Fgura (li b'nota datata 4 ta' Gunju 2004 l-partijiet qablu li tiswa Lm35,000) u l-mobbli li hemm fl-istess dar, li bl-ebda mod ma gew kwantifikati u valutati, u ghalhekk *in vista* tal-premess, din il-Qorti tordna li l-istess proprjeta' immobbli, bl-ghamara kollha li hemm fl-istess dar matrimonjali ghandha tigi mibjugha in subbasta, bir-rikavat ta' l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-konvenut, ma hemm l-ebda prova ta' xejn fl-atti processwali; anzi

jinghad li l-attrici resqet tezi kontradicenti ghall-istess, izda din il-Qorti thoss li l-ebda tezi mill-partijiet ma giet effettivament ippruvata fil-grad rikjest mill-ligi u allura lanqas ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Illi din il-Qorti thoss ukoll li ghandhom jigu applikati fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet ta' **l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** b'dan li d-data meta ghandha tigi kkunsidrata li kien hemm lok ghall-firda hija dik ta' meta l-partijiet isseparaw *de facto* f'Ottubru 1995.

Illi dwar manteniment tal-minuri ma saritx talba mill-attrici u dan ghar-ragunijiet fuq indikati, b'dan li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri ghandha tibqa' f'idejn l-omm, l-attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u filwaqt li **tichad it-tielet u l-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli kemm lill-konvenut *stante* sevizzi, u mohqrija fil-konfront ta' martu l-attrici, u wkoll kawza ta' l-agir ta' l-attrici li kkomettiet adulterju meta l-partijiet kien separati *de facto*, b'dan li minhabba l-agir ta' l-istess kontendenti l-hajja matrimonjali saret u giet reza mpossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tilqa' din it-talba b'dan li tapplika kontra l-konvenut u l-attrici stess l-effetti kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. Tichad din it-talba *stante* li l-attrici m'ghandha llum l-ebda dritt ta' manteniment salv ghal dak li nghad iktar 'il fuq ghall-manteniment *pendente lite* kif degretat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett minn Ottubru 1995 u tillikwida l-istess u tiddikjara li tikkonsisti fil-fond matrimonjali "Maple Leaf", Triq l-Ghollieq, Fgura (li b'nota datata 4 ta' Gunju 2004 l-partijiet qablu li tiswa Lm35,000) u l-mobbli li hemm fl-istess dar, li bl-ebda mod ma gew kwantifikati u valutati mill-partijiet fil-kawza, u ghalhekk *in vista* tal-premess, din il-Qorti tordna li l-istess proprjeta' immobbli, bil-ghamara kollha li hemm fl-istess dar matrimonjali ghandha tigi mibjugha in subbasta, bir-rikavat ta' l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

5. Tichad din it-talba li tassenja d-dar konjugali esklussivament lill-attrici u dan *in vista* ta'dak premess.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------